16 ta' Awissu, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Remigio Francis Xavier Farrugia** *versus* **Frank Agius ne. et.**

**Assemblea Leġislativa — Elezzjonijiet — Kwalifiki tal-Kandidati — Klawsoli 6 u 13 tal-"Malta Constitution Letters Patent, 1947".**

*Skond il-"Malta (Constitution) Letters Patent" ta' l-1947, sabiex wie-*

*kemm ikollu l-kwalifiki meħtieġa biex jiġi maħtur membru ta' l-Assemblea Leġislativa, jeħtieġ ikollu l-kwalifiki rikjesti biex ikun jista' jiġi reġistrat bħala elettur.*

*U biex ikollu l-kwalifiki biex jiġi reġistrat bħala elettur, irid mhux biss ikun suddita ingliż tal-għomor ta' wieħed u għoxrin sena jew fuqhom, u li jkun joqgħod Malta, imma anki li huwa jkun ilu hekk joqgħod għal żmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar sew sew qabel ma ġie reġistrat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 4 ta' l-1950, preżentat quddiem din il-Qorti, fejn l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u meħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-attur ippreżenta n-"nomination paper" bħala kandidat għall-Hames Distrett; u peress li, skond ma jidher mill-ittra eżibita markata dok. "A", in-"nomination" tiegħu ma ġietx aċċettata, għar-raġuni li huwa mhux kunsidrat li għandu l-kwalifiki biex ikun elett membru ta' l-Assemblea Leġislativa; u peress li, kuntrarjament għal dak li jallegaw il-konvenuti nomine, l-attur għandu l-kwalifiki kollha meħtieġa li jkun reġistrat bħala "voter" għall-elezzjoni ta' membru ta' l-Assemblea Leġislativa: talab li tiġi revokata minn din l-Onorabbli Qorti d-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti nomine kif imfissra fl-ewwel paragrafu ta' l-ittra mehmuża ma' l-att taċ-ċitazzjoni, billi jiġi dikjarat u deċiż li l-attur għandu l-kwalifiki kollha neċessarji li jkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni elettorali, u għaldaqstant kwalifikat li jkun maħtur membru ta' l-Assemblea Leġislativa għal dik it-Taqsima Elettorali. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-klawsola 6 tal-"The Malta (Constitution) Letters Patent, 1947", sabiex wieħed ikun kwalifikat biex jiġi maħtur membru ta' l-Assemblea, jeħtieġ illi huwa jkun kwalifikat li jkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-membri ta' l-Assemblea;

Illi skond il-klawsola 13 idem, sabiex wieħed ikollu l-jedd li jkun reġistrat bħala elettur fl-elezzjoni tal-membri ta' l-Assemblea, minbarra illi jkun suddittu Ingliż tal-għomor ta' wieħed u għoxrin (21) sena jew fuqhom, u li soltu joqgħod Malta, hemm bżonn ukoll illi jkun ilu hekk joqgħod għal

żamen ta' mhux anqas minn tnax-il xahar sew sew qabel ma gie reġistrat ;

Illi mix-xhieda ta' l-attur stess jirriżulta illi dina l-kwalifika ta' l-aħħar ma tirrikorrix fil-każ tiegħu, peress illi sal-14 ta' Ottubru 1949 kien assenti minn dawn il-Gżejjer mit-6 ta' Settembru 1947 ;

Illi għalhekk, peress li l-attur ma huwiex intitolat li jkun reġistrat bħala elettur, ma hux lanqas intitolat li jkun maħtur membru ta' l-Assemblea ; u għalhekk id-deċiżjoni tal-konvenuti nomine kienet sewwa ;

Ma hemmx bżonn jiġi enunċjat il-prinċipju elementari illi fejn il-liġi hija ċara mhux il-każ ta' ebda interpretazzjoni ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba, bl-ispejjeż.